# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Awwissu, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 648/22/2 FDP**

**Paul Demicoli**

**v.**

**Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat**

1. B'deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat fis-27 ta' Ottubru 2022 fil-konfront tal-attur u ordnat li r-rikorrent jingħata l-ħelsien mill-arrest fi żmien sebat ijiem, u imponiet kundizzjonijiet fuq l-attur.

2. Il-fatti rilevanti huma dawn:-

i. Fit-3 ta' Ġunju 2004 iġġarraf parti minn bini bl-isem ta' St Francis Flats, f'San Pawl il-Baħar u mietu tnejn min-nies li kienu fih. Fis-sit ta' biswit kien qiegħed isir xogħol ta' kostruzzjoni. Il-fond li fih kien qiegħed isir ix-xogħol kien tal-attur.

ii. L-attur flimkien ma' tnejn min-nies oħra kien akkużat *inter alia* li bi traskuraġni u nuqqas ta' ħila kkaġuna l-mewt ta' żewġ persuni.

iii. B'sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Ottubru 2009 instab ħati tal-akkużi u kien ikkundannat tliet snin priġunerija.

iv. Fis-sena 2010 l-attur fetaħ kawża fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (**Paul Demicoli v. Ministru tal-Politika Soċjali et** (2/2010) li biha impunja l-Avviż Legali 281 tal-2004, li jidher li kellu x'jaqsam ma' wħud mill-akkużi li saru kontrih. Fis-16 ta' Jannar 2018 il-kawża ġiet deċiża. Il-Qorti ddeċidiet li l-Avviż Legali 281 tal-2004 kien *ultra vires* meta fid-definizzjoni 'klijent' inkluda sid tal-fond, u kull fejn fir-regolament jitfa' responsabbiltà fuq is-sid.

v. B'sentenza tat-12 ta' Lulju 2019 il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenuti u kkonfermat is-sentenza appellata, għalkemm għamlitha

ċara li mhi tingħata l-ebda deċiżjoni dwar jekk l-attur jintlaqatx jew le bir-Regolamenti.

vi. L-attur appella u b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali varjat is-sentenza fejn *inter alia* ordnat li l-piena ta' priġunerija tonqos għal sentejn. B'dik is-sentenza ġie liberat biss mill-akkuża li bħala ħaddiem naqas milli jieħu ħsieb is-saħħa tal-persuni kollha li setgħu jiġu effetwati bix-xogħol tiegħu.

vii. F'Diċembru 2022 l-attur fetaħ kawża kostituzzjonali fejn ilmenta minn dewmien esaġerat fil-proċeduri kriminali. Fil-kawża talab għal dikjarazzjoni li sofra ksur tal-jedd fundamentali tiegħu meta kien ikkundannat sentejn priġunerija, *".... għaliex dawn il-proċeduri ma ġewx deċiżi fi żmien raġonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem"*. Għalhekk talab li bħala rimedju ma jibqax jiskonta l-piena ta' priġunerija ta' sentejn.

viii. Flimkien mar-rikors li bih fetaħ il-kawża l-attur ippreżenta rikors u talab:

> *"....*
>
> *2. Bħala rimedju proviżorju tordna illi l-esponenti Paul Demicoli jiġi skarċerat u rilaxxat billi jinħeles minnufih u ma jibqax miżmum fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin hekk kif issir in-notifika ta' dan id-digriet lid-*

*Direttur tas-Servizzi Korrettivi, u li jibqa' hekk ħieles sakemm ma jkunx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi;*

*3.Tordna illi waqt il-ħelsien proviżorju tiegħu l-esponenti Paul Demicoli għandu josserva diversi kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fosthom li m'għandu bl-ebda mod jitlaq minn Malta għaż-żmien kollu li dan il-provvediment ikun fis-seħħ u ma jonqosx milli jidher quddiem din il-Qorti f'kull smigħ tal-kawża sakemm ma jkunx meħlus minn qabel b'ordni ta' din il-Qorti, flimkien ma' kundizzjonijiet oħra li dina l-Qorti tħoss xieraq li timponi.*

*4.Tordna li dan il-provvediment jkun eżegwibbli minnufih".*

ix. B'deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2023 l-Ewwel Qorti taqra hekk:

*"Il-Qorti,*

*Wara illi rat ir-rikors tar-rikorrent w ir-risposta tal-intimati;*

*Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet';*

*Wara illi wieżnet il-fatti kollha lilha esposti fuq bażi 'prima facie' mir-rikorrent;*

*Tqis illi huwa ġust u ekwu li, sakemm tiġi deċiża l-kawża prinċipali intavolata mir- rikorrent;*

*L-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 27 ta' Ottubru 2022 jiġu* ***sospiżi b'effett mil-lum*** *u għalhekk:*

***Tordna*** *illi r-rikorrent jingħata l-ħelsien mill-arrest, b'effett minn* ***sebat' ijiem*** *wara tali deċiżjoni, b'dan illi huwa għandu, qabel ma jingħata l-ħelsien mill-arrest:*

> *1.* ***Jiddeposita*** *s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala garanzija a tenur tal-Artikolu 574 (1) tal-Kodiċi Kriminali, liema somma għandha tiġi ppresentata permezz ta' Ċedola ta' Depositu fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili, kif ukoll;*
>
> *2. Jagħmel* ***garanzija personali*** *ta' ħamsin elf Euro (€50,000) bħala garanzija ulterjuri a tenur tal-Artikolu 574 (1) tal-Kodiċi Kriminali, permezz ta' att appositu.*

*Ir-rikorrent huwa ordnat sabiex jippreżenta d-dokumentazzjoni ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet fl-atti tar-rikors odjern* ***QABEL*** *ma jingħata l-ħelsien mill-arrest effettiv.*

> ***Tordna** illi, bl-ebda mod, ir-rikorrent ma jitlaq minn Malta għal ebda raġuni assoluta, u għal dan il-għan għandu jiddeposita mal-Qorti il-Passaport tiegħu kif ukoll il-Karta tal-Identita' tiegħu, li għandhom jinżammu fl-atti tal-proċeduri odjerni.*
>
> ***Tordna** illi r-rikorrent għandu jidher kull darba illi din il-kawża tkun appuntata għas- smiegħ.*
>
> ***Tordna** illi r-rikorrent għandu jiffirma darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' **Erbgħa**, bejn id 09.00 am u 9.00 pm, ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara.*
>
> *Tipprovdi dwar spejjeż ta' dana ir-rikors mad-deċiżjoni finali tagħha".*

3. B'rikors preżentat fis-27 ta' April 2023 il-konvenuti appellaw mid-deċiżjoni wara li b'digriet tal-25 ta' April 2023 l-Ewwel Qorti tathom permess. Huma jilmentaw li:

i. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi nieqsa minn analiżi tar-rekwiżiti għall-ħruġ ta' ordni proviżorja ta' dik ix-xorta;

ii. L-Ewwel Qorti żbaljat meta laqgħet it-talba peress li ma ġiex muri illi hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura proviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura;

4. L-attur wieġeb fl-4 ta' Lulju 2023 u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenuti.

**<u>Konsiderazzjonijet tal-Ewwel Qorti</u>**:

5. L-Ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:-

*"17. Ma għandu jkun hemm dubju illi l-proċeduri illi nbdew fis-sena 2004, eventwalment intemmu b'sentenza ta' priġunierja fis-sena 2022, ossija tmintax-il sena wara – ir-raġuni tad-dewmien huwa l-meritu tal-proċeduri prinċipali tal-kawża odjerna, w il-Qorti ma hijiex ser tinoltra ruħha dwar x'wassal għal tali dewmien – madanakollu, jirriżulta ċar illi l-proċeduri ħadu tmintax-il sena sabiex jingħalqu.*

*18. Ma ħandu jkun hemm ebda dubju wkoll illi, fil-present, ossija minn dakinhar tas- sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), tas-27 ta' Ottubru 2022, ir- rikorrent beda jiskonta piena karċerjarja ta' sentejn.*

*19. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-abbli difensuri ta' l-intimati, fir-rikors responsiv tagħhom ben studjat, jagħmlu referenza għal varji deċiżjonijet tal-Qrati, kemm nostrani, kif ukoll tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, illi lkoll jikkontendu li 'interim measure' bħal dak mitlub jingħata fejn hemm "an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u, aktar minn hekk, fejn hemm "an alleged risk to life or ill treatment".*

*20. Madanakollu, din il-Qorti tirrileva illi l-każ li għandha l-Qorti quddiemha huwa ferm differenti minn kwalsiasi fattispecje ta' każ illi għamlu referenza għaliha l-intimati.*

*21. Jirriżulta, di fatti, illi l-akkuża illi tiegħu r-rikorrent instab ħati, huwa qtil involontarju ta' żewġ persuni, fosthom persuna, ossija Maria Dolores Zarb, li t-tifla tagħha, Marie Diane Mule Stagno, telgħet il-Qorti, di sua sponte, fejn għarrfet il-Qorti illi hija kienet ħafret lir-rikorrent ta' dak li kkawża lill-ommha u talbet lill-Qorti sabiex ma tagħtix piena karċerjarja lir-rikorrent u, minflok, tagħtih 'community service order'.*

*22. Jirriżulta illi 'community service order' ma ġiex kkunsidrat mill-Qorti peress illi "ma kienx sar stħarriġ f'dan is-sens skond l-Artikolu 11(3) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta".*

*23. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent huwa residenti Malti, b'familja ġewwa Malta, bir-riżultat illi ma hemm ebda biża' illi, f'xi mument, l-istess rikorrenti jista' b'xi mod, jaħrab minn Malta.*

*24. Il-Qorti tirrileva wkoll, finalment, illi għalkemm l-intimati jikkontendu illi l-prassi adoperata mill-Qrati f'kawżi ta' dewmien huwa illi persuna jingħata kumpens finanzjarju għal tali ksur, dana ċertament huwa biss wieħed mill-varji rimedji illi l-Qorti tista' tagħti lir-rikorrent.*

*25. Il-Qorti tosserva illi, tenut kont tal-fatt illi, llum il-ġurnata, hemm sentenza ta' priġunerija deċiża u finali fil-konfront tar-rikorrent, u tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-kawża Kostituzzjonali odjerna, jitlob dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu riżultat tad-dewmien fil-proċeduri, din il-Qorti għandha tieħu l-provvedimenti*

> *opportuni sabiex, fuq bażi ‘interim’, u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali ta’ dina l-Qorti fl-ilment prinċipali tar-rikorrent, il-vjolazzjoni illi minnha huwa qiegħed jilmenta, ossija dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fejn imponiet fuq ir-rikorrenti piena ta’ priġunerija ta’ sentejn, s-sentenza ta’ priġunerija ta’ sentejn, jkollha l-effetti tagħha sospiżi sakemm din il-Qorti tagħti deċiżjoni finali dwar l-ilment tar-rikorrent.*
>
> *26. Il-Qorti taghmila ċara illi kwalsiasi deċiżjoni mogħtija llum, għandha titqies unikament bħala ‘interim’, u la għandha u lanqas ma għandha titqies illi għandha kwalsiasi piż u effett fuq id-deċiżjoni finali ta’ dina l-Qorti, liema deċiżjoni tingħata biss wara illi tisma’ l-provi rilevanti tal-każ.*
>
> *27. Kull ma qiegħda tagħmel il-Qorti, f’dana l-istadju, illi tissospendi l-effetti tas-sentenza ta’ priġunerija, liema effetti jistgħu jerġgħu jidħlu fis-seħħ wara d-deċiżjoni finali ta’ dina l-Qorti”.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**:

6. Il-proċeduri kriminali bdew fis-sena 2005 u ntemmu bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ngħatat f’Ottubru 2022. Hu fil-kawża li ser jitressqu l-provi li suppost juru x’kien il-kaġun għad-dewmien li qiegħed jilmenta minnu l-attur.

7. Il-fatt hu li llum il-ġurnata hemm sentenza kontra l-attur li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kkundannatu għall-priġunerija ta’ sentejn minflok it-tliet snin priġunerija li kkundannatu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Sentenza li suppost beda jiskonta dakinhar li ngħatat (21 ta’ Ottubru 2009).

8. L-attur jilmenta li l-kundanna għal sentejn priġunerija wasslet għal ksur tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Art. 39 tal-Kostituzzjoni, għaliex il-kawża kriminali kontrih ma ġietx deċiża fi żmien raġonevoli. Għalhekk jippretendi li wara dawk is-snin kollha ma kellux jiġi kkundannat għall-piena ta' ħabs effettiva.

9. Id-deċiżjoni appellata ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala miżura proviżorja sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Miżura li għandha tingħata biss eċċezzjonalment. Bħala regola sentenzi ta' qrati oħra li jkunu ġudikat m'għandhomx jinġiebu fix-xejn proviżorjament, sempliċement għaliex persuna tiftaħ kawża u tilmenta minn ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

10. Hu fatt li jekk it-talba tal-attur għall-miżura proviżorja tiġi miċħuda, ser jibqa' arrestat sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Però dak il-fatt waħdu mhijiex ġustifikazzjoni suffiċjenti biex qorti oħra minħabba li l-priġunier fetaħ kawża kostituzzjonali, tordna proviżorjament is-sospensjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li hi ġudikat.

11. Il-Qorti tosserva li:

i. L-attur jippretendi li r-rimedju għal dewmien fil-kawża kriminali hu li ma jiskontax il-piena karċerarja li ordnat il-Qorti tal-Appell

Kriminali. Jekk eventwalment fil-mertu jingħata raġun fis-sens li l-kawża kriminali ma ġietx deċiżjoni fi żmien raġonevoli, ikun fid-diskrezzjoni tal-qrati x'rimedju jingħata. Dan apparti li ma sar l-ebda argument mill-attur li jista' jikkonvinċi qorti li wkoll mad-daqqa t'għajn x'aktarx li r-rimedju l-iktar floku ser ikun tnaqqis tal-piena karċerarja.

ii. *Prima facie* jidher li l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet konsiderazzjonijiet dettaljati dwar il-piena li fir-realtà naqset dik imposta fuq l-attur mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (ara paragrafi 131 sa 144 tas-sentenza).

iii. L-Ewwel Qorti setgħet tat ordni fis-sens li l-kawża kostituzzjonali tinstema' b'urġenza u b'hekk jiġi żgurat li kawża fejn il-provi huma dokumentati, tinstema' u tiġi deċiża fl-iqsar żmien possibbli. Fiċ-ċirkostanzi ċertament din kienet tkun miżura iktar addattata minn dik li tissospendi l-eżekuzzjoni ta' sentenza li hi ġudikat.

12. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li tixraq ordni ta' sospensjoni ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2022 sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-konvenuti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Frar

2022, u minflok tiċħad it-talbiet tal-attur magħmula bir-rikors tad-9 ta' Diċembru 2022.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm